ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| IL-ĦAMES SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** __________

## A. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)

*L-ewwel waħda hija eżempju.*



1. Kull ħaġa ħajja li hawn madwarna, li tikber u li teżisti ġejja minn (San Pietru, <u>Alla</u>, Dun Karm Psaila).
2. Alla għażel lil (Eżekjel, Mosè, Abraham) biex jeħles lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu.
3. (Sawl, Abraham, David) kien l-akbar sultan li għażel Alla biex imexxi lill-poplu Lhudi.
4. L-Anġlu (Mikiel, Gabrijel, Rafel) deher lil Marija u qalilha li se jkollha iben u ssemmieh Ġesù.
5. Dakinhar li Ġesù tgħammed fix-xmara (Tigri, Ġordan, Ewfrate), is-smewwiet infetħu u l-Ispirtu s-Santu deher qisu ħamiema u baqa' fuqu.
6. Franġisku minn Assisi ħalla l-flus u l-ġid tal-art (biex jibni knisja f'Malta, biex imur isiefer f'pajjiżi differenti, biex jingħata kollu kemm hu għal Ġesù u l-Knisja).
7. Il-martri huma dawk l-Insara li bil-kuraġġ kollu ħadu l-mewt għal Ġesù. Fost dawn insibu lil (San Martin, Charles Lwanga, San Ġorġ Preca).
8. L-Ispirtu s-Santu jiġi fina għall-ewwel darba meta nirċievu s-sagrament (tat-Tqarbin, tal-Griżma tal-Isqof, tal-Magħmudija).
9. Biex nifhmu l-Kelma t'Alla għandna bżonn l-għajnuna (ta' dizzjunarju, ta' sħabna, tal-Ispirtu s-Santu).
10. Il-Knisja hija (l-poplu l-ġdid t'Alla, għaqda ta' nies li jilagħbu flimkien, post fejn wieħed imur jiltaqa' biex jgħid kelma).
11. (Fl-Għid il-Ħamsin, Fil-Ġimgħa l-Kbira, Fil-festa tal-Għid) il-poplu Lhudi jagħmel ikla speċjali li fiha jfakkar il-ġrajja l-kbira ta' meta Alla ħelishom mill-moħqrija tal-Eġizzjani.

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** **(10 marki)**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Alla | | kien wieħed mill-profeti l-kbar li Alla għażel biex iwassal il-kelma tiegħu lin-nies ta' żmienu. |
| 2. Ġwanni-Marija Vianney | | kien qasam fi tnejn il-mantell li kellu u ta nofsu lil wieħed fqir biex ikebbu miegħu ħalli ma jħossx bard. |
| 3. Il-Lhud | | kienu ħadu l-martirju għax kienu jemmnu f'Ġesù u ma ridux joffru sagrifiċċji lill-allat foloz. |
| 4. Isaija | | waqqaf is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. |
| 5. Santa Eliżabetta | **1** | hu kbir u qaddis għax huwa fuq kollox u fuq kulħadd. |
| 6. San Martin | | kien wieħed mill-irġiel li l-appostli għażlu biex jippridkaw u jieħdu ħsieb il-foqra. |
| 7. San Ġorġ Preca | | irċevew l-Ispirtu s-Santu fuqhom nhar l-Għid il-Ħamsin. |
| 8. Ġustinu u sħabu | | ċappsu l-ġnub tal-bieb ta' barra bid-demm tal-ħaruf biex il-kastig ma jiġix fuqhom. |
| 9. L-appostli flimkien ma' Marija u mad-dixxipli l-oħra | | hi waħda mill-qaddisin li bil-ħidma tagħha waqqfet kunventi fi Spanja u kitbet kotba sbieħ dwar kif għandna nħobbu lil Ġesù. |
| 10. Filippu | | kien kappillan fi Franza magħruf għall-mod kif kien jitlob. |
| 11. Santa Tereża t'Avila | | kienet il-kuġina ta' Marija. |



**C. Imla l-vojt bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'hawn taħt.** **(20 marka)**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **fqir** | **Franġisku** | **jittallab** | **Alla** |
| **l-għajnuna** | **jippriedka** | **libsa** | **mis-sinjuri** |
| **mħabba** | **Ħabel** | **~~Assisi~~** | |



Kont tarah għaddej ħafi mat-toroq ta' **Assisi**.

Kien jilbes bħal xkora f'għamla ta' ________________ twila.

Ma' qaddu kien jorbot biċċa ________________.

Fuq wiċċu magħlub u safrani, nofsu mgħotti bil-leħja, kienu jiddu par għajnejn kbar, kollhom ħlewwa u ________________.

Kif kont tarah għaddej bil-ħorġa f'idu, iħabbat bieb bieb u ________________ il-karità, żgur li kont titħassru u tgħid: "Miskin dan ir-raġel! Kemm hu ________________!"

Imma dak ir-raġel ma kien miskin xejn. Dak kien ________________, it-tifel ta' Bernardone, negozjant tad-drappijiet u wieħed ________________ ta' Assisi.

Franġisku ma riedx jgħaddi ħajtu jaħseb kif se jaqla' l-flus. Ried jinħall minn kollox biex il-ferħ tiegħu jsibu f'________________ biss.

Ried jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu biex ________________ l-imħabba ta' Ġesù fit-toroq u l-pjazez u biex jagħti ________________ tiegħu lill-morda u lill-foqra.

**D. Imla l-vojt b'kelma waħda.** **(10 marki)**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

1. Il-Lhud kienu ilhom mijiet ta' snin jgħixu fl-art sabiħa li **M<u>osè</u>**, permezz ta' Alla, kien wassalhom fiha. Kien wasal iż-żmien li Alla jagħżel żagħżugħ biex ikun il-mexxej tal-poplu tiegħu.

2. Alla sejjaħ lill-profeta Samwel u qallu: "Mur fid-dar ta' Isaj li joqgħod f'**B**_________________, u għidlu jġib quddiemek it-tfal kollha tiegħu. Jien nurik lil min għażilt minnhom u int idilku bħala sultan."

3. Kif **D**______________ wasal id-dar, il-Mulej qal lil Samwel: "Lil dan għażilt. Idilku sultan tal-poplu tiegħi."



4. Lil David, Alla tah ħafna affarijiet sbieħ. Fost dawn l-affarijiet tah il-ħila li juża tajjeb l-iżbandola li permezz tagħha rnexxielu jegħleb lill-ġgant **G**______________.

5. David kien iħoss li jrid ifaħħar u jirringrazzja lil Alla bil-kant u d-daqq tal-arpa. Bl-għajnuna speċjali tal-Ispirtu s-Santu, David kiteb ħafna għanjiet sbieħ li aħna nsejħulhom **S**____________ .



6. David kiteb dawn l-għanjiet biex permezz tagħhom ifaħħar u jirringrazzja lil **A**__________ għall-ġmiel tal-ħolqien u għall-ġid kbir li HU kien jagħmel miegħu u mal-poplu kollu.

**E. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dawn il-personaġġi bibliċi. (12-il marka)**



**Marija – Omm Ġesù**

1. X'infakkru fil-festa tal-Kunċizzjoni?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

2. X'wieġbet Marija lill-Anġlu meta ħabbrilha li se jkollha iben u ssemmih Ġesù?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

**Il-Profeta Isaija**



1. X'kienet il-ħidma tal-profeti?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

2. X'dehra tal-għaġeb ra Isaija waqt li kien dieħel fit-tempju?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*



**Mosè**

1. Semmi żewġ kmandamenti li Alla ta lil Mosè.

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

2. Fuq liema muntanja Alla ta l-kmandamenti lil Mosè?

________________________________________ *(2 marki)*

**F. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**



Jum wieħed, fl-iskola fejn kien imur Domenico Savio, tnejn minn sħabu qabdu jitgħajru. Dawn sfidaw lil xulxin biex jagħmlu ġlieda bil-ġebel.

Meta Domenico Savio sema b'dan, għamel ħiltu biex iwaqqafhom, u jerġa' jagħmilhom paċi. Imma kollu kien ta' xejn. It-tnejn bilfors riedu jpattuha lil xulxin.

L-għada, dawn iltaqgħu fil-ħin li ftiehmu u kif qabdu l-ġebel biex igarawh lil xulxin, Domenico Savio mar jiġri f'nofshom, ħareġ mill-but kurċifiss żgħir, għollieh u beda jgħajjat:

"Araw! Ħarsu lejn dan il-kurċifiss u għidu….
Ġesù qabel miet fuq is-salib, ħafer lil dawk li sallbuh,
Imma jien irrid bilfors inpattiha lil sieħbi."

1. X'titlu jixraq lil din is-silta? (*immarka t-tajba b'***X**)

   a. Henjin dawk li jġibu l-paċi ☐

   b. Henjin il-fqar fl-Ispirtu ☐

   c. Henjin dawk li huma mnikkta ☐ *(2 marki)*

2. X'ipprova jagħmel Domenico Savio meta sar jaf li sħabu riedu jiġġieldu?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ *(2 marki)*

3. X'ħareġ mill-but Domenico Savio biex jipprova jwaqqaf il-ġlieda ta' bejn sħabu?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Kif tkompli l-istorja li qrajt f'din is-silta?

______________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

5. Kompli din is-sentenza li qal Ġesù: "Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma

jissejħu _____________ _____________." *(2 marki)*

6. Għaliex m'għandniex niġġieldu mal-oħrajn?

______________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

7. Bħala Nisrani, semmi **żewġ** affarijiet li inti tista' tagħmel biex iġġib il-paċi bejn dawk li jkunu miġġildin.

(a) ___________________________________________________

(b) ___________________________________________________ *(4 marki)*

8. Ikteb talba lil Ġesù li permezz tagħha turih li inti tixtieq iġġib il-paċi kull fejn tkun.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________ *(4 marki)*



**G. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.** **(8 marki)**



Barra l-Magħmudija, hemm sagrament ieħor li fih nirċievu l-Ispirtu s-Santu. Dan hu l-Griżma tal-Isqof. Fil-Griżma tal-Isqof, l-Ispirtu s-Santu jiġi fina b'qawwa speċjali biex ikompli jsaħħaħ fina l-ħajja ġdida li Ġesù tana fil-Magħmudija. Fil-Griżma tal-Isqof, l-Ispirtu s-Santu jagħtina rigali speċjali biex nistgħu nikbru fit-triq ta' Ġesù u nsiru nixbhuh dejjem aktar.

1. Liema hu s-sagrament li fih aħna nirċievu l-Ispirtu s-Santu b'qawwa speċjali?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

2. Kompli din is-sentenza li l-Isqof jgħid waqt il-Griżma tal-Isqof:

   "**Ħu s-siġill** ________________________________________." *(2 marki)*

3. X'jagħmel l-Isqof biex jagħtina l-Griżma?

   (a) ___________________________________________________

   (b) ___________________________________________________ *(2 marki)*

4. Fil-Griżma tal-Isqof, x'jagħmel fina l-Ispirtu s-Santu?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

**H. Ikteb ħames sentenzi fuq San Ġorġ Preca. (10 marki)**



**Tmiem il-Karta**